


3 FILMS
24 LINGWA
28 PAJJIŻ

**MUSTANG**
Deniz Gamze Ergüven
Franza, Ġermanja, Turkija, Qatar

LUX FILM PRIZE
IL-PARLAMENT EWROPEW
IMPENN FAVUR IL-KULTURA

Parlament Ewropew

# MUSTANG

## DENIZ GAMZE ERGÜVEN

Is-sajf għadu jibda. Lale, Nur, Ece, Selma u Sonay huma ħamest aħwa tfajliet, magħquda daqs il-ħames swaba' ta' id. F'raħal fit-Tramuntana tat-Turkija, il-ħamest aħwa tfajliet jiġu lura mill-iskola waqt li jilagħbu bla ħażen ma' xi subien. L-immoralità preżunta tal-logħob tagħhom tqajjem skandlu b'konsegwenzi mhux mistennija. Ftit ftit, id-dar tagħhom tinbidel f'ħabs, flok l-iskola jibdew jitgħallmu jagħmlu x-xogħol tad-dar, waqt li jibdew isiru ftehimiet biex iżewġuhom. Il-ħamest aħwa, bl-istess kilba għall-ħelsien, jiżgiċċaw mil-limiti imposti fuqhom.





## FIL-PERSPETTIVA: IS-SEKULARIŻMU, IL-PATRIJARKAT, L-UGWALJANZA, IL-KUNFLITT BEJN IL-VALURI

Fl-iskript taċ-ċinematografa Deniz Gamze Ergüven, il-bidla gradwali li twassal għar-reklużjoni rapida ta' dawn il-ħames tfajliet mimlija ħajja hija partikolarment enfasizzata, u għandha bla dubju tinftiehem bħala sitwazzjoni estrema u eċċezzjonali aktar milli riflessjoni tar-realtà ġenerali fit-Turkija. Dan il-pajjiż fil-fatt jgħix fil-kuntrasti. Filwaqt li n-nisa kisbu d-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet nazzjonali tal-1934, ferm qabel diversi pajjiżi Ewropej, ir-rappreżentanza politika tagħhom għadha żgħira ħafna. It-Turkija tinsab maqbuda bejn il-valuri ta' emanċipazzjoni ta' stat sekulari mwaqqaf fil-bidu tas-Seklu XX u t-tradizzjoni patrijarkali ankrata ħafna fis-soċjetà. Fl-2001, dan il-pajjiż adotta kodiċi ċivili ġdid li jagħti l-ugwaljanza lin-nisa fl-oqsma kollha filwaqt li fl-istess ħin żiedu s-saħħa partiti politiċi ġodda mnebbħa mir-reliġjon — b'mod partikolari l-Partit Ġustizzja u Żvilupp (AKP) partiti li jsostnu approċċ ħafna aktar tradizzjonali tar-rwol tan-nisa fis-soċjetà.



Din is-sitwazzjoni ta' kuntrast, b'mod partikolari bejn il-bliet u l-kampanja, bejn il-metropoli u l-provinċji, kważi skizzofrenika, li fiha tevolvi s-soċjetà Torka hi identifikata partikolarment tajjeb fil-film ta' Deniz Gamze Ergüven, li jirnexxilha tittraduċi, b'ħafna saħħa u kredibilità, il-koeżistenza diffiċli ta' żewġ dinjiet b'valuri opposti. U mingħajr ma hi neċessarjament rappreżentattiva, il-familja estiża magħmula mill-ħamest aħwa tfajliet, flimkien ma' nannithom, zijuhom u z-zijiet nisa, fis-sura ta' ħrafa u b'ħafna qlubija, tqajjem mistoqsijiet dwar il-qagħda tal-mara f'soċjetajiet tradizzjonali. B'hekk twassalna għal riflessjoni dwar problema kruċjali, il-kwistjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, li tikkundizzjona, fost l-oħrajn, id-dħul ta' pajjiżi kandidati membri fl-Unjoni Ewropea. Din hi d-dimensjoni importanti li se tiddefinixxi l-qafas ġenerali tal-analiżi żviluppata hawnhekk.





## REALTÀ MPOĠĠIJA F'PERSPETTIVA

Jekk *Mustang* huwa mnebbaħ minn realtà li teżisti, id-deskrizzjoni tiegħu ta' din ir-realtà mhijiex strettament realistika. L-istess titolu tal-film iħabbar immedjatament rakkont mislut parzjalment mill-fantasija, fejn iż-żiemel selvaġġ isir is-simbolu tal-ħames adoloxxenti, u b'mod partikolari ta' Lale. Id-dimensjoni meraviljuża tinstab ukoll fil-livell tax-xeneġġatura, ikkaratterizzata fost affarijiet oħra minn logħba ta' oppożizzjonijiet bejn żewġ tipi ta' karattri (l-aħwa tfajliet u zijuhom Erol) u qagħda ta' kunflitt li tkompli tiggrava iżda tintemm meta s-sitwazzjoni tinqaleb, b'mod doppju u simboliku, ta' taħt fuq. Fl-aħħar nett, it-ton serju tal-film jittaffa regolarment b'noti ta' umoriżmu li jippermettu pass lura mill-avvenimenti drammatiċi li jiżvolġu.



## ĦAMEST AĦWA BNIET B'RABTA ORGANIKA

Wieħed jista' jgħid li ħames tfajliet għandhom rabta organika bejniethom u li b'xi mod jiffunzjonaw donnhom entità waħda: dak li jiġri lil waħda għandu riperkussjonijiet fuq l-emozzjonijiet u l-imġiba tal-oħrajn.

Din l-għaqda tmur id f'id, madankollu, mad-distinzjoni progressiva tat-tfajliet. Lale hija l-iżgħar waħda fosthom u l-iktar waħda li xxejjer il-bandiera tal-libertà u taqla' r-rewwixti, waqt li ħutha jirreaġixxu b'modi differenti u xi drabi kontrastanti fil-konfront tad-destin impost fuqhom. Waqt li Sonay taffronta lil nannitha u tirrifjuta ż-żwieġ irranġat u tkun l-unika waħda li jirnexxilha tiżżewweġ lir-raġel li tħobb (hi tgħix relazzjoni f'waqtha ta' mħabba sinċiera u reċiproka, li tiġi aċċettata mill-familja bil-kundizzjoni li taċċetta li tiżżewweġ bla dewmien), Selma min-naħa tagħha tieħu attitudni rassenjata li hi karatteristika ta' għadd kbir ta' nisa f'soċjetajiet patrijarkali li jissottomettu ruħhom għal żwieġ mhux mixtieq bħala destin inevitabbli.



## RIPETIZZJONI

Il-logħba tal-oppożizzjonijiet bejn iz-Ziju Erol u n-neputijiet tiegħu hija l-istorja prinċipali tal-film, li huwa kkaratterizzat minn sekwenza ta' avvenimenti li jirrepetu ruħhom permezz ta' varjazzjonijiet żgħar b'mod kumulattiv.

## SITWAZZJONI LI TINQALEB

Ir-radikalizzazzjoni progressiva tal-kunflitt bejn iz-Ziju Erol (li jirrappreżenta l-ordni) u Lale (li tirrappreżenta r-ribelljoni kontra din l-ordni) tintroduċi żieda fit-tensjoni drammatika li tikkulmina fi tmiem il-film, meta jkun hemm bidla mhux mistennija. Waqt li Erol, li ma jkunx jista' jidħol lura fid-dar li hu stess ikun biddel f'fortizza, jinqabad fin-nassa tiegħu stess, għat-tfajliet "dan il-ħabs" isir, paradossalment, il-kenn tagħhom kif ukoll l-istrument tal-ħelsien tagħhom.



Din it-taqliba ta' taħt fuq tagħtihom lok li jitkellmu liberament: Nur, li sa dak il-waqt kienet kalma u tikkoopera, iċċarrat il-libsa u tarmiha mit-tieqa, waqt li tgħajjat li se ġġib lill-pulizija u tgħidilhom b'dak kollu li ġara. Minkejja li għadha żgħira, l-attitudni tagħha turi li hi konxja perfettament mill-fatt li l-azzjonijiet tal-familja fil-konfront tal-ħamest aħwa huma illegali, azzjonijiet li jinkludu ż-żwiġijiet furzati, il-ħruġ mill-iskola u vjolenza ta' kull xorta mwettqa kontrihom. Fil-kuntest ta' *Mustang*, taqliba simbolika ta' dan it-tip issaħħaħ l-impatt politiku ta' storja li tiddenunzja soċjetà li bil-liġi tqis lilha nnifisha paritarja waqt li fil-fatti għadha inugwali ħafna.

## KUMPENS

It-taqliba ta' taħt fuq li hija l-kulminu tal-film hija akkumpanjata minn bidla evidenti ħafna fit-ton. Waqt li x-xeneġġatura kienet karatterizzata minn tensjoni drammatika li dejjem tikber, fil-preżent jirbaħ is-solliev, u saħansitra xi daħka. L-elementi ta' kummiedja madankollu diġà kienu preżenti qabel, anke jekk kienu aktar imferrxa.

B'mod partikolari, il-grupp ta' nisa li jiffrekwentaw lin-nanna joffru diversi mumenti komiċi. Dawn in-nisa anzjani, maqbuda bejn it-tradizzjonijiet patrijarkali u solidarjetà emozzjonali mal-bniet, joxxillaw il-ħin kollu bejn żewġ attitudnijiet. Jekk in-nanna tistenna mġiba eżemplari u "rispettabbli" min-neputijiet tagħha, hi mill-banda l-oħra tidħol biex tiddefendihom kontra l-awtorità eċċessiva ta' Erol billi tgħattilhom meta jiżvijaw fl-imġiba tagħhom jew billi tqiegħed lil binha f'postu.

Iżda l-aktar xena komika tal-film isseħħ fir-raħal meta l-ħamest aħwa jmorru jaraw logħba futbol. Meta tara lin-neputijiet tagħha fuq it-televiżjoni, in-nanna jtiha ħass ħażin. Minħabba li tibża' li se jarawhom l-irġiel ukoll, iz-Zija Emine f'tebqa t'għajn taqbad martell u tifqa' l-kaxxa tal-provvista tal-elettriku. Minħabba li l-irġiel jindunaw li fil-bqija tar-raħal id-dawl ma jkunx inqata', hi ma taħsibhiex darbtejn biex tmur b'pass deċiż fuq l-arblu l-kbir tad-dawl u tattakkah sakemm jisplodi u r-raħal kollu jispiċċa bla dawl. It-tensjoni qawwija li tinħoloq minħabba l-possibilità li Erol isir jaf li n-neputijiet ħarbu titlef id-drammatiċità tagħha minħabba dawn ix-xeni kważi surrealisti li jseħħu minn wara dahar l-irġiel, li minn issa ,l quddiem jitwaqqgħu għaż-żufjett u simbolikament jitilfu s-setgħa kollha tagħhom.

U jerġa' jkun l-istess Ziju Erol li jitwaqqa' għaċ-ċajt fl-aħħar tal-film, meta Nur u Lale jaqfluh barra mill-"fortizza" li hu kien bena biex jaqfilhom fiha. Ix-xena mingħajr dubju hija waħda ta' tensjoni qawwija għax Erol jagħmel minn kollox biex jidħol lura fid-dar, b'intenzjonijiet preżumibilment qattiela (jew vjolenti), iżda l-fatt li jinqabad fin-nassa tiegħu stess joħloq ukoll effetti komiċi li ma jistgħux ma jqanqlux l-approvazzjoni tat-telespettaturi.









## PUNTI GĦAR-RIFLESSJONI
## IL-MOD LI BIH JIĠI TRATTAT L-ISPAZJU

Fil-film *Mustang*, Deniz Gamze Ergüven tevoka d-distakk li jeżisti bejn spazju pubbliku modern u sfera privata li għadha marbuta mal-valuri tradizzjonali tas-soċjetà patrijarkali. Taħseb li dan id-distakk jeżisti fis-soċjetajiet tagħna wkoll?

Vinciane Fonck

les grignoux



**DIRETTRIĊI**: Deniz Gamze Ergüven
**XENEĠĠATURA**: Deniz Gamze Ergüven, Alice Winocour
**ATTURI**: Güneş Nezihe Şensoy, Elit Iscan, Doğa Zeynep Doğuşlu, Tugba Sunguroglu, Ilayda Akdogan, Nihal G. Koldas, Ayberk Pekcan
**DIRETTURI TAL-FOTOGRAFIJA**: David Chizallet, Ersin Gök
**MUŻIKA**: Warren Ellis
**PRODUCER**: Charles Gillibert
**CO-PRODUCER**: Frank Henschke
**PRODUZZJONI**: CG Cinéma
**KOPRODUZZJONI**: Vistamar Filmproduktion
**SENA**: 2015
**TUL**: 94 minuta
**ĠENERU**: Drama
**PAJJIŻ**: Franza, Ġermanja, Turkija, Qatar
**VERŻJONI ORIĠINALI**: Tork



## L-ISTEJJER TAGĦNA MDAWLA PERMEZZ TAL-EMOZZJONI TAĊ-ĊINEMA

Il-Parlament Ewropew għandu l-unur jippreżenta t-tliet films li qegħdin jikkompetu għal-LUX FILM PRIZE[1] 2015:

**MEDITERRANEA** ta' Jonas Carpignano
Italja, Franza, Stati Uniti, Ġermanja, Qatar

**MUSTANG** ta' Deniz Gamze Ergüven
Franza, Ġermanja, Turkija, Qatar

**UROK** *(THE LESSON)* ta' Kristina Grozeva u Peter Valchanov
Bulgarija, Greċja

Dawn l-istejjer multidimensjonali, il-frott tad-dedikazzjoni u l-kreattività kbira ta' reġisti żgħażagħ Ewropej b'ħafna talent, se jintwerew waqt ir-raba' edizzjoni tal-LUX FILM DAYS[2].

[1] Il-premju LUX.
[2] Jiem tal-films LUX.

## LUX FILM PRIZE

Il-kultura tiżvolġi rwol fundamentali fit-tiswir tas-soċjetajiet tagħna. B'dan il-ħsieb, il-Parlament Ewropew nieda l-LUX FILM PRIZE fl-2007 bl-għan li jtejjeb iċ-ċirkolazzjoni tal-films Ewropej madwar l-Ewropa u jqajjem dibattiti u diskussjonijiet fl-Ewropa kollha dwar kwistjonijiet ewlenin tas-soċjetà. Il-LUX Film Prize hu inizjattiva unika. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-koproduzzjonijiet Ewropej jintwerew biss fil-pajjiż tal-oriġini u rarament jiġu distribwiti bnadi oħra, anke fi ħdan l-UE, il-LUX FILM PRIZE joffri opportunità rari lil tliet films Ewropej li jiġu sottotitolati fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE.

Ir-rebbieħ tal-LUX FILM PRIZE se jintgħażel mill-Membri tal-Parlament Ewropew u jitħabbar fil-25 ta' Novembru 2015.

## LUX FILM DAYS

Il-LUX FILM PRIZE wassal ukoll għat-tnedija tal-LUX FILM DAYS. Il-LUX FILM DAYS ilhom mill-2012 iwasslu t-tliet films li qed jikkompetu għall-LUX FILM PRIZE lil udjenza Ewropea usa'. Permezz tal-LUX FILM DAYS, nistednuk tgawdi esperjenza kulturali memorabbli li tittraxxendi l-fruntieri. Bejn Ottubru u Diċembru 2015, tista' tingħaqad ma' udjenza mill-UE kollha ta' dilettanti taċ-ċinema u tara *Mediterranea*, *Mustang* u *Urok (The Lesson)* f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Tinsiex tivvota għall-film favorit tiegħek permezz tas-sit web tagħna *luxprize.eu* jew il-paġna Facebook tagħna!

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-UDJENZA

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Udjenza hija l-premju tal-għażla tal-poplu tal-LUX FILM PRIZE. Ħu l-opportunità li tivvota għal *Mediterranea*, *Mustang* jew *Urok (The Lesson)*, u tieħu sehem f'kompetizzjoni biex tattendi l-Festival taċ-Ċinema Internazzjonali Karlovy Vary f'Lulju 2016 — bl-istedina tal-Parlament Ewropew — u tħabbar ir-Rakkomandazzjoni tal-Udjenza.

## ARA, IDDIBATTI U VVOTA

@luxprize
#luxprize

**LUX**
**PRIZE**
**.EU**

QA-01-15-535-MT-N